


# 2018 - Sena tal-Anniversarji
# Ġrajjiet li sawru l-istorja tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija

**Kitba ta Anton Fenech**

Waħda mill-għanijiet ta' din il-pubblikazzjoni hi li tfakkar avvenimenti u ġrajjiet importanti li seħħew matul is-snin u li ħallew marka fuq l-istorja tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. Is-sena 2018 hija waħda minn dawk is-snin li tiġbor numru ta' anniversarji u għalhekk, hija waħda speċjali għal din is-Soċjetà.

## 140 sena mit-twaqqif tal-ewwel formazzjoni Mużikali f'Ħal Luqa - La Stella u l-135 mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija

Matul dawn l–aħħar snin, kienu ppublikati diversi artikli, fuq il-pubblikazzjonijiet li joħorġu ż-żewġ Soċjetajiet Mużikali, dwar il-bidu taż-żewġ baned f'Ħal Luqa. Iżda l-aktar pubblikazzjoni li qajmet interess u diskussjoni, kienet ċertament dik li l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ħarġet fl-2008, bl-isem L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija – twelidha u ġrajjietha u b'mod speċjali, id-dokument li kien ippublikat għall-ewwel darba – manuskritt miktub mil-Luqi Noe Ciappara. Ciappara kien jikteb il-ġrajjiet li kienu jseħħu f'Ħal Luqa, u kien sinonimu ma' artikli li kienu jiġu ppublikati fir-rivista Leħen il-Parroċċa - Luqa. Id-dokument inkiteb fl-1978.

Fil-pubblikazzjoni tal-2008, l-awtur Jesmond Grech, jsemmi li fi Triq il-Karmnu, eżattament 'l isfel mill-Istatwa ta Sant'Andrija, kien joqgħod is-Surmast belti, Vincenzo Camilleri. Camilleri kellu ħamest itfal, erba' subien: Gavino, Ferdinando, Nerico u Manwel u tifla: Lucia. Is-subien ukoll tgħallmu l-mużika mingħand missierhom u fl-għaxijiet, speċjalment fis-Sajf, kienu ta' sikwit idoqqu l-mużika barra fit-triq fejn id-dar tagħhom. Dan malajr qanqal interess u aktar nies bdew jersqu lejn din il-parti tar-raħal, biex jisimgħu u ingħaqdu ma' din il-formazzjoni Mużikali. Hawnhekk twaqqaf kumitat u anke krew post quddiem Triq Wied il-Knejjes (maġenb l-Istatwa ta' Sant'Andrija).

## Ir-rabta bejn l-Istatwa ta ' Sant'Andrija f'Wied il-Knejjes u La Stella.

*"Meta bdew isiru dawn il-laqgħat u programmi ħfief spissi, xi ħadd minn tal-Kumitat, aktarx Mastru Pietru Azzopardi, magħruf bħala Ta' Għadam, li dak iż-żmien kien il-prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira , ġietu*



*l-idea li quddiem din il-kantuniera li tiġi bejn it-Triq tal-Karmnu u t-Triq ta' Wied il-Knejjes, titwaqqaf Statwa ta' Sant'Andrija, il-Patrun ta' Ħal Luqa bħala tifkira ta' din l-għaqda. L-idea intogħġbot ħafna u wara li ġiet approvata mill-Kumitat u mill-membri kollha. Saret ġabra u ħasbu biex jagħmlu dan ix-xogħol".*

Din is-silta meħuda mill-manuskritt ta' Noe Ciappara, turi li l-Istatwa ta' Sant'Andrija li twaqqfet fl-1878 saret sabiex tfakkar dak li ġara f'dawn l-inħawi ta' Ħal Luqa, jiġifieri, it-twaqqif tal-ewwel formazzjoni Mużikali. Ciappara jkompli jgħid li l-Istatwa nħadmet mill-iskultur Ċensu Decandia bil-Pedestall ikun disinn tal-Perit Andre Vassallo. Vassallo, membru attiv tas-*Societa' Filarmonica San Andrea,* l-arkitett li ddisinja l-Pedestall ta' Malta Gwerriera fost armar ieħor.

## Ir-rabta bejn il-formazzjoni La Stella u l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija

Dak li kiteb Noe Ciappara jikkorabora bis-sħiħ ma' dak li kien qal iben wieħed mill-ewwel bandisti tal-Banda Unjoni - Ġerald Vassallo. Vassallo jgħid li missieru kien jirrakkonta li kien ikun hemm ġemgħa li kienu jdoqqu bħala orkestra "bejn ħames u seba' snin qabel l-1880". Uħud minn dawn, tqanqlu sabiex jiffurmaw banda li semmewha l-*Unione*. Vassallo jkompli jgħid li dawk li "l-oħrajn telqu għal rashom u għaddew tliet snin meta dehrilhom li kellhom jiffurmaw banda". **"Fil-bidu kienu jsibuhom bħala La Stella u ħadu l-isem Banda Sant'Andrija meta bdew idoqqu fil-pubbliku".**

Hawnhekk iżda wieħed irid isemmi l-fatti li huma ppruvati iswed fuq l-abjad. Matul dawn l-aħħar snin kienu ppublikati diversi drabi l-ittri li dehru fil-gazzetti bejn l-1883 u l-1884, li jitfgħu dawl fuq l-ewwel servizzi tas-Soċjetajiet Mużikali Luqin. Iżda jekk hemm prova ċara li l-ebda Banda ma kienet teżisti qabel l-1883, din tinstab fil-Gazzetta Malta tat-13 ta' Diċembru tal-1883. Filwaqt li l-korrispondent ifaħħar il-festa kbira li saret il-Ħadd, 9 ta' Diċembru, jgħid ukoll li fost l-afarijiet li żejnu din il-Festa , "kellna x-xorti li nisimgħu l-ewwel banda l-ġdida ta' hawn, banda b'ħila kbira, taħt it-treġija taż-żagħżugħ Gavinu Camilleri".

Huwa għalhekk li dan kollu jgħaqqad stampa ċara tal-bidu tas-Soċjetajiet Mużikali f'Ħal Luqa. Il-pubblikazzjoni tal-manuskritti ta' Noe Ciappara fl-2008 komplew jgħinu sabiex jiġi ppruvat li:

F'Ħal Luqa kien hawn formazzjoni Mużikali qabel l-1880 li kien jisimha La Stella, dan kif ippruvat minn Ġerald Vassallo.

Wara l-firda li saret fl-1880, l-ebda Banda Ħalluqija ma ħarġet iddoqq fil-pubbliku qabel l-1883.

## 1978 - 40 sena - *St Andrew's Band Fireworks Factory*

Il-Kumpless tan-Nar tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija din is-sena qed ifakkar l-40 anniversarju minn meta kien inawgurat u beda jintuża mill-membri volontarji tas-Soċjetà għall-manifattura tal-logħob tan-Nar għall-Festa ta' Sant'Andrija.

Iżda l-piroteknika fi ħdan il-Każin tal-Banda Sant'Andrija ma bdietx biss minn meta nbena dan il-Kumpless f'Ta Kandja, limiti ta' Ħal Farruġ.

Bejn l-1835 u l-1849, għall-Festa ta' Sant'Andrija, kien diġà jinħadem xi logħob tan-Nar bħal irdieden żgħar jew kif inhuma magħrufin aħjar bħala Ġiġġifogu u l-famużi maskli li kienu jinħarqu minn fuq iz-zuntier fil-ħruġ tal-Purċissjoni bl-Istatwa ta' Sant'Andrija f'jum il-Festa. Meta twaqqfu s-Soċjetajiet Mużikali f'Ħal Luqa, speċjalment meta bdew jieħdu sehem fil-Festa Titulari sa mill-1881. Dak li ġara f'din il-Festa huwa dokumentat permezz ta' artiklu fil-Gazzetta Malta tat-3 ta' Diċembru







tal-1884. Fost dettalji interessanti, il-korrispondent jgħid li għal din il-Festa inħaraq logħob tan-Nar li ġibed l-attenzjoni ta' dawk kollha preżenti.

It-twaqqif tas-Soċjetajiet Mużikali u l-ħidma tagħhom għall-Festa ta' Sant'Andrija, wassal sabiex id-dilettanti tan-nar jingħaqdu mal-Każini rispettivi tagħhom u jżidu fil-ħidma piroteknika tagħhom. Ħafna minn dan ix-xogħol kien isir ġewwa l-Każini stess. Hekk kif għaddiet it-Tieni Gwerra Dinjija, diversi żgħażagħ komplew jaħdmu l-logħob tan-Nar f'diversi kmamar f'għelieqi fil-limiti ta' Wied il-Kbir. Xhieda ta' kemm l-attività piroteknika fil-każin kienet ħajja hija ċertament il-logħob tan-Nar li kien tħejja għall-okkażjoni tal-Festi tal-ftuħ tas-sede tas-Soċjetà f'Misraħ il-Knisja li kienu saru bejn is 27 ta' Ġunju u s-7 ta' Lulju 1952.

F'Seduta Ġenerali tat-8 ta' Frar tal-1976, ġie deċiż li jibda l-bini ta' fabbrika tan-Nar fil-limiti ta' Wied il-Kbir f'Ħal Farruġ. Fit-8 ta' Marzu tal-istess sena, is-Soċjetà ressqet applikazzjoni quddiem il-Bord tal-Artijiet (PAPB) għall-bini ta' dan il-Kumpless, liema permess kien approvat nhar it-30 ta' Ġunju 1976. Wara li nxtrat l-Għalqa u sar il-kuntratt fil-11 ta' Novembru 1976, inbeda minnufih ix-xogħol tal-kostruzzjoni. Ta min jgħid li dan ix-xogħol sar mid-dilettanti tan-Nar flimkien ma' voluntiera oħra li offrew l-għajnuna. Ix-xogħol kollu tlesta għall-Festa tal-1978, tant li dik is-sena, id-dilettanti tan-Nar ħejjew programm ta' logħob tan-Nar għall-okkażjoni.

Is-snin bdew igerrbu u wasal iċ-Ċentinarji tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija li kienu ċċelebrarti bejn il-5 u d-19 ta' Ġunju 1983. Il-Grupp tan-Nar ħejja programm speċjali ta' logħob tan-Nar tal-Art u tal-Ajru.

Is-snin disgħin kienu snin fejn il-Kumpless tan-Nar kompla jagħti s-sehem tiegħu f'kull festa Titulari bis-saħħa ta' grupp żgħir ta' nies li żammew dan il-Kumpless attiv.

Il-Bidu tal-Millenju l-ġdid, fis-sena 2000, li wkoll ra s-sehem tas-*St Andrew's Band Fireworks Factory* bi ħruq ta' murtali u kaxxa tal-kulur minn fuq il-bejt tal-Każin mat-tokki ta' nofs il-lejl, ġab miegħu sfidi ġodda u bidliet. Wara tnax-il sena li l-logħob tan-Nar tal-Art dam jinħaraq fi Triq id-9 ta' April, l-awtoritajiet ma ħarġux il-permessi sabiex jinħaraq in-nar tal-art f'din it-triq. L-istess ġara fis-sena 2002 meta wara li s-Soċjetà kisbet il-permessi meħtieġa, sabiex in-nar tal-art jinħaraq f'Misraħ iż-Żgħażagħ, l-istess permess kien irtirat proprju ftit jiem qabel il-Festa.

Fl-2004, bid-determinazzjoni tad-diriġenti tas-Soċjeta' ntlaħaq ftehim li n-nar tal-art jinħaraq f'Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra, eżattament fid-daħla tar-raħal, kif għadu jinħaraq sal-lum.

F'Jannar tas-sena 2007 splużjoni ġarrfet waħda mill-kmamar tal-kumpless tan-nar. B'xorti tajba dan l-inċident ma kellux konsegwenzi, għajr li kamra mill-kumpless inqerdet għal kollox. Iżda dan l-inċident, ma tellifx l-andament tax-xogħol bi preparazzjoni għall-festa.

Ghas-sena 2008 ukoll ġie ippreprat programm speċjali fl-okkażjoni tal-125 anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija u t-30 sena mill-ftuħ tal-post tan-nar.

### *Pyrostars* – L-ewwel u l-uniku wirja piromużikali f'Ħal Luqa.

L-element piroteknku fil-Festi Maltin illum il-ġurnata żvolġa f'wieħed mill-aktar professjonali u artistiku. Is-*St Andrew's Band Fireworks Factory* għamlet dan ġewwa Ħal Luqa bil-wirja Piromużikali *Pyro Stars* li ta' kull sena tkun ippreżentata Lejliet il-Festa. L-ewwel edizzjoni ta' din il-wirja ttellgħet fl-2013 u baqgħet tikber fil-popolarità u togħla fil-livell b'elementi ġodda jkunu ntrodotti kull sena. Hekk insemmu li fl-2016



L-inawgurazzjoni tal-maħżen tal-armar fl-1988



L-inawgurazzjoni tal-estensjoni tal-maħżen tal-armar fl-1997

intrama torri b'ċirku kbir li miegħu nħarqu diversi elementi sinkronizzati mal-mużika. Din il-wirja llum hija waħda stabblita fil-gżejjer Maltin u għenet sabiex il-Festa ta' Sant' Andrija tikber fil-popolarità tagħha speċjalment fil-ġurnata tas-Sibt.

### Sehem f'kompetizzjonijiet u Festi oħra

Matul dawn l-aħħar snin , il-Kumpless tan-Nar ħa sehem f'diversi kompetizzjonijiet u avvenimenti li komplew għollew mhux biss isem is-Soċjetà iżda wkoll lil Ħal Luqa f'dik li hi piroteknika. Fl-2013, dan il-kumpless kien ikklassifikat fir-raba' post fil-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art fil-Furjana kif ukoll rebbieħ tal-kategorija tal-mekkaniżmu u disinn. Fl-2014 u fl-2015, dan il-kumpless ħa sehem fil-*Malta International Fireworks Festival* ġewwa Buġibba u Marsaxlokk rispettivament, filwaqt li ta' kull sena jieħu sehem fil-Festival tan-Nar tradizzjonali organizzat mir-reġjun tan-Nofsinhar. Minbarra dan wieħed ma jridx jinsa s-sehem f'festi oħra madwar Malta u Għawdex.

L-anniversarju tal-40 sena mill-ftuħ tal-Kumpless *St Andrew's Fireworks Factory* huwa wieħed importanti għas-Soċjetà, mhux biss minħabba l-element storiku li fih, iżda wkoll għax huwa frott il-ħidma volontarja, ħidma li wasslet sabiex f'dawn l-aħħar snin il-Piroteknika f'Ħal Luqa telgħet f'livelli ġodda. Wieħed għalhekk irid isellem u jiringrazzja lil-*licensee* kollha li b'responabbiltà kbira mexxew dan il-kumpless matul is-snin u lil dawk li ħadmu u li qed jagħtu sehemhom llum sabiex bil-ħidma tagħhom ikomplu jkabbru l-Festa u r-raħal ta' Ħal Luqa. Ma' dan, wieħed irid ifakkar il-memorja ta' dawk il-membri li taw sehemhom u li ħallewna matul dawn l-aħħar snin fosthom: Ġużeppi Attard (il-Buġu), Karmnu Magri, Ġużeppi Cremona (iz-Zanz), Giamari Busuttil u Alfred Mercieqa (ix-Xaqru) u Nazarenu Caruana (in-naudi).

### 1988 - 30 sena mix xiri tal-maħżen tal-armar

Il-membri tal-Għaqda Mużikali sa minn dejjem kellhom għal qalbhom ix-xogħol tal-artiġjanat Malti u l-armar tal-festi. Dan narawh meta ġie maħdum il-planċier fl-1959 mill-istess membri. Meta fis-snin tmenin l-armar ġie maqsum bejn iż-żewġ każini il-membri tagħna kienu għamlu sett pilandri bil-linef u wara anke it-trofej tal-pjazza. Hawnhekk inħasset il-ħtieġa li jinxtara post fejn isir l-armar kif fil-fatt irnexxielhom jixtru fond fi Triq Andre Vassallo. L-inawgurazzjoni tiegħu saret b'pompa kbira tant li kien sar marċ u anke inkixfet lapida li tfakkar dan l-avveniment.

Issa li beda jiżdied l-armar ma kienx meħtieġ biss li jkollok fejn terfa' l-armar imma ukoll *workshop* fejn taħdem. Għalhekk kien ġie deċiż li l-ġnien li jmiss ma' dan il-maħżen jinbena fuq 3 sulari. Dan ix-xoghol sar kollu bil-voluntiera u tlesta għall-festa tas-sena 1997. Hekk issa mhux biss l-armar seta' jintrefa' b'iżjed kumdità imma wkoll kien hemm lok fejn jista' jinħadem armar ġdid.

### 1993- 25 sena ilu jiġi inawgurat il-pedestal tal-istatwa ta' Sant'Andrija

Fis-sena 1993 inħadmet il-kolonna li fuqha titla' l-istatwa ta' Sant'Andrija. Din il-kolonna, xoghol fl-injam, hija disinn ta' Joseph Sagona mir-Rabat Għawdex u ġiet maħduma kollha mill-membri tagħna. Taħt insibu l-erba' evanġelisti, xogħol mill-isbaħ ta' Michael Camilleri Gauchi. Din il-kolonna kienet deskritta bħala waħda mill-isbaħ f'Malta u għadha sal-lum meqjusa bħala kapolavur, ġawhra tal-armar.

### 1993 – 25 sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ

L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija kienet minn tal-ewwel li waqqfet is-Sezzjoni Żgħażagħ tagħha. Din is-Sezzjoni twaqqfet

fl-1993, bl-ewwel *Chairperson* tagħha jkun Pierre Fava. Matul is-snin din is-Sezzjoni mhux biss għenet sabiex issostni diversi proġetti fil-Każin iżda wkoll ħadet ħsieb li tiffinanzja wħud minnhom ukoll.

Fost il-ħafna inizjattivi meħuda, wieħed irid isemmi s-sehem taż-Żgħażagħ fir-restawr tal-armar antik tal-festa ta' Sant'Andrija sabiex jintrama fi Triq il-Karmnu u l-proġett tal-bandiera l-maġġura tas-Soċjetà.

Fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa, ta' kull sena jieħdu ħsieb li jtellgħu esebizzjoni marbuta ma' din il-festa. Ikkummissjonaw lill-artist Christopher Ebejer is-sett uniku tal-istatwi tat-*terracotta* li juru episodji mill-Passjoni u l-mewt ta' Ġesù u fl-2006 ġie rranġat u miftuħ mill-ġdid ix-xelter ta' taħt il-każin.

L-istess jista' jingħad għal żmien il-Milied fejn minbarra li din is-Sezzjoni ttella' ħafna attivitajiet soċjali ilha 17-il sena sħaħ tibni presepju fil-każin. Din l-inizjattiva waslet sabiex illum jintrama wieħed mill-isbaħ presepji fil-gżejjer tagħna u s-sede tagħna jkun miżgħud bin-nies fil-jiem tal-Milied iżuru dan il-presepju fuq stil Malti.

Bla dubju, tul dawn is-snin permezz taż-żgħażagħ il-briju tal-marċi ra żviluppi ġodda. Saru diversi sorpiżi għal mall-marċi u anke saru flokkijet u cd's. Ma jonqsux ukoll xi tifkiriet u ħafna affarijiet oħra. Din is-Sezzjoni wkoll kienet stumentali għal diversi avvenimenti li saru tul dawn is-snin fosthom il-lejla a la Ħalluqija li kienet unika fir-raħal tagħna kif ukoll żewġ kunċerti *live* li ġew imtella' fil-pjazza.

## Konklużjoni

Illum, fl-2018 qed infakkru dawn l-anniversarji sabiex filwaqt li naraw il-kiżbiet li għamilna fil-passat inkomplu l-istorja glorjuża ta' din is-Soċjetà, Soċjetà ħajja li permezz tal-membri tagħha tkompli taħdem sabiex il-kultura fil-mużika, fil-piroteknika kif ukoll fl-armar tkompli tagħti l-frott meħtieġ u dan dejjem taħt il-kenn tal-Padrun tagħna Sant'Andrija, kif jixhed isem din is-Soċjetà.

